**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Gunju 2017**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 34/17 JZM**

**Creations The Ultimate In Bathroom Elegance Ltd (C23867)**

***kontra***

**A.L. Projects Limited gia Auntie Lucy (C12622) ;**

***u***

**Auntie Lucy Retail Limited (C74251)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fit-12 ta` Jannar 2017 li jaqra :–

*1. Premess li s-socjeta` rikorrenti Creations The Ultimate In Bathroom Elegance Ltd forniet merkanzija, apparat u gharmar relatat mal-kmamar tal-banju lis-socjeta` intimati jew min minnhom bil-ghan li dawn jigu sussegwentement installati fil-lukanda Intercontinental Malta, l-ahhar forniment sar f`Gunju 2016;*

*2. U billi l-merkanzija giet supplita lis-socjeta` "Auntie Lucy" izda mir-ricerki li saru jirrizulta li hemm zewg kumpaniji li jgibu dak l-isem, u ghandhom l-istess diretturi u sabiex jigi evitat kull malintiz it-tnejn huma mharrka;*

*3. U billi l-merkanzija kienet giet accettata, u eventwalment intuzat mis-socjeta` intimata AL Projects Ltd fil-lukanda Intercontinental Malta u jirrizulta mid-dokument hawn anness bhala Dokument "A" li dik is-socjeta` intimata sahansitra thallset minghand l-istess lukanda ghal din il-merkanzija;*

*4. U billi l-ammont dovut f`dan l-istadju huwa fl-ammont ta` erbgha u erbghin elf, hames mija sitta u tletin ewro u tmien centezmi (€44,536.08) kif jirrizulta mir-rendikont hawn esebit bhala dokument "B";*

*5. U billi dan l-ammont huwa dovut bl-imghax wara disghin jum minn kull invoice partikolari li ntbghat liema dati huma deskritti fl-istess statement esebit bhala dokument "B";*

*6. U billi sal-lum is-socjeta` rikorrenti ghadha ma thallsitx ghall-merkanzija li forniet u dan minkejja diversi interpellanzi u weghdiet li se jsir il-hlas;*

*7. U billi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u opportun :*

*1. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati, jew min minnhom, sabiex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta` erbgha u erbghin elf, hames mija sitta u tletin ewro u tmien centezmi (€44,536.08) jew kull ammont iehor verjuri bl-imghax kummercjali skont il-ligi u minn disghin jum wara d-data ta` kull invoice partikolari sad-data ta` pagament effettiv;*

*Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta` sekwestru nru 1908/2016 u bl-ingunzjoni in subizjoni tal-intimati.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat illi l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta guramentata, u lanqas dehru ghall-udjenza tat-22 ta` Gunju 2017.

Semghet ix-xiehda ta` Johann Camilleri direttur tal-kumpannija attrici fl-udjenza tat-22 ta` Gunju 2017.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi l-provi tal-kumpannija attrici mhux kontradetti.

Billi t-talba attrici tirrizulta ppruvata.

**Fil-kontumacja tal-konvenuti, qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tikkundanna lill-kumpanniji konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpannija attrici l-ammont ta` erbgha u erbghin elf, hames mija sitta u tletin ewro u tmien centezmi (€44,536.08) bl-imghax kif mitlub, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta` sekwestru nru 1908/2016 kontra z-zewg kumpanniji konvenuti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**